MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## KATJA PSAILA SAVONA

Seduta tad-9 ta' Dicembru, 2014

Talba Numru. 961/2009

**Bernard Fenech (K.I. 103782M) u Carmel Fenech (K.I. 203453M)**

**Vs**

**Philip Petroni (K.I. 134652M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba fl-ismijiet premessiipprezentat fit-13 ta' Novembru, 2009 li permezz tieghu l-atturi ppremettew is-segwenti :

1. L-atturi kienu bieghu l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni KBF-756 tal-ghamla Citroen lill-konvenut ghall-prezz ta' mitejn u tletin ewro (€230) (liema prezz ma gie mhallas qatt) permezz ta' skrittura li saret bejn Carmel Fenech u l-konvenut datata s-7 ta' Jannar, 2009 (hawn annessa u mmarkata Dok BF1); Illi l-attur ikkonsenja l-imsemmija vettura lill-konvenut minkejja li l-prezz tal-vettura ma giex imhallas. Inoltre, ghalkemm interpellat

diversi drabi mill-attur sabiex jersaq ghall-iffirmar tal-logbook il-konvenut baqa’ inadempjenti minkejja li zamm l-istess dokument fil-pussess tieghu; Illi mid-data tal-konsenja tal-vettura in kwistjoni saru diversi kontravenzjonijiet mill-konvenut li jammontaw ghal mitejn erbgha u erbghin ewro u erbghin centezmu (€244.40c), liema kontravenzjonijiet baqghu jinhargu fuq l-attur u baqa’ jircievihom l-istess attur Bernard Fenech (kopja annessa u mmarkata BF2). Illi minhabba l-agir illegali u abbuziv tal-konvenut u l-attur ma kellux alternattiva ohra ghajr li jinforma lil Pulizija bl-agir irresponsabbli tal-konvenut u jirtira l-vettura mit-triq sabiex jigu evitati cirkostanzi illegali li kien ikollu jrrispondi ghalihom l-attur. Fil-fatt il-pjanci bin-numru ta’ registrazzjoni tal-vettura gew iddepozitati mal-ADT, fit-30 ta’ Settembru, 2009 u dan bi spejjez aktar ta’ tlieta u disghin ewro u tlieta u tletin centezmu (€93.33c) ghall-attur; ghaldaqstant l-atturi jitolbu illi l-konvenut jhallas lilhom is-somma ta’ hames mija u sebgha u sittin ewro u tlieta u sebghin centezmu (€567.73c), bl-ispejjez, komprizi dawk ta’ l-ittra ufficjali tad-19 t’Awwissu, 2009, bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tal-pagament sal-lum.

Illi r-risposta tal-konvenut giet sfilzata b’digriet tat-Tribunal fil-11 ta’ Novembru, 2010. Illi t-talba sabiex issir konessjoni tal-kontro talba li giet prezentata mar-risposta tal-konvenut mal-kawza odjerna giet michuda b’digriet tat-Tribunal fil-11 ta’ Dicembru, 2010 (ara digriet a. fol. 100). Illi sar Appell fejn fil-31 ta’ Jannar, 2011 giet ikkonfermata d-decizjoni tat-Tribunal.

Rat illi fit-13 ta’ Gunju, 2012 intalbet konnessjoni bejn kawza intavolata mill-konvenut. Illi giet prezentata risposta fejn l-atturi rrimettew ruhhom ghad-decizjoni tat-Tribunal. Illi fil-verbal tas-16 t’ Ottubru, 2012 il-partijiet iddikjaraw li qed jippruvaw jaslu ghat-tranzazzjoni. Illi b’digriet tal-21 ta’ Novembru, 2012 it-Tribunal laqa’ t-talba ghall-konnessjoni. Illi wara li saru diversi pagamenti mill-konvenut dawn waqfu u ghalhekk saret nota ta’ riduzzjoni datata 27 ta’ Gunju, 2014 (fol 156) fejn l-ammont gie ridott ghall-erbgha mija sebgha u tletin ewro u tlieta u sebghin centezmu (€437.73c) stante hlas ta’ mija u tletin ewro (€130). Illi wara diversi seduti t-Tribunal ordna li tithalla ghas-Sentenza in difett ostakolo.

**Konsiderazzjonijiet:**

Xehed **Bernard Fenech** fejn iddikjara li kellu karozza ghall-bejgh f'Dicembru, 2008. Kien mar jarah il-konvenut Philip Petroni. Fis-7 ta' Jannar, 2009 iltaqa' ma' missieru Carmel Fenech ghaliex kien ikkuntattja lil Bernard Fenech ghaliex xtaq jixtri l-karozza pero` ma kellux il-flus *ossia* mitejn u tletin ewro (€230) biex ihallasha dak inhar. Il-karozza kellha l-licenzja u l-VRT kollha maghluqa u din kienet a konoxxenza tal-konvenut. Ghalhekk ma setghax isuq il-karozza sakemm jirregola s-sitwazzjoni. Fid-9 ta' Jannar, qala' l-ewwel citazzjoni u wara din qala' tmienja ohra ghaliex il-karozza kienet fuq ismu.[1] Kien mar fuq il-post tax-xoghol tal-konvenut ghaliex ma kienx qed iwiegeb it-telephone biex jghidlu ma jsuqx il-karozza sakemm ma tkunx b'licenzja, fejn kien assikurah li kien ser ihallsu u anke kien ser ihallas ic-citazzjonijiet. Kien ukoll semmilu l-fatt li kien qed isuq karozza minghajr *insurance* u 'nfatti f'Mejju, 2009 kien gedded l-*insurance*. It-transfer qatt ma kien sar imma l-*log book* kien tah f'idejn Petroni, ghalhekk kien ghamel rapport lill-Pulizija. Fit-13 t' Awwissu, 2009, wara diversi telefonati, l-attur kellu jiehu l-karozza lura, ta l-pjanci lill-Pulizija u b'ordni tal-Qorti kellu jiskrepja l-karozza. L-attur iddikjara illi sofra l-ispejjez tal-karozza, citazzjonijiet, prezz tal-karozza u l-ispejjez tal-pjanci meta kellu 'jiggaraxja' l-vettura. Mistoqsi min hu Carmel Fenech, hu ddikjara illi huwa missieru, li kien dahal fil-kwistjoni meta l-attur ma setghax imur dak inhar tas-7 ta' Jannar, 2009. Il-karozza kienet bi ftehim minghajr VRT u ghalhekk bieghha ghall-prezz redikolu. Philip Petroni hallas tnejn minn sebgha citazzjonijiet li kellu jhallas hu meta mar lura bil-pjanci.

**Carmel Fenech** xehed illi kien halla l-karozza fil-Pjazza fejn il-knisja ta' San Silvestru fil-Mosta ghall-bejgh. Kien gie kkuntatjat minn Petroni u kien iltaqa' hu mal-konvenut fis-7 ta' Jannar, 2009 li talbu li jhallsu fit-tmiem ix-xahar. Kienu ffirmaw il-*logbook* u ghamlu skrittura bejniethom, (dak inhar kien telaq bil-vettura). kkonferma dak li ntqal minn Bernard Fenech – zied illi l-Pulizija kienu hadu passi kontrihom ghaliex il-konvenut kien qed isuq il-vettura minghajr *insurance,* 'nfatti dan kien geddidha f'Mejju. Kien hallihom il-vettura miftuha fejn il-knisja ta' San Silvestru fil-Mosta. Ic-citazzjonijiet kienu kollha hdejn Studio 9. Il-karozza kienet licenzjata dak inhar li halliha fil-pjazza pero` kellha tiggedded fl-ahhar ta' Jannar. Rigward il-VRT ma kienx jaf xejn.

[1] Ara Doks a fol 112 Dok A1 sa A17

Xehed **Brian Farrugia** rapprezentant ta' Transport Malta li kkonferma illi il-karozza KBF 756 Citroen BX kienet registrata f'isem Bernard Grech. Din giet 'iggaraxxjata' mill-istess Bernard Grech f'Settembru, 2009.

Xehed **Philip Petroni** li kkonferma li kien cempel lil Carmel Grech ghaliex kien interessat li jixtri c-Citroen. Il-prezz kien ta' mitt liria Maltin (Lm100). Peress li kellu Citroen ohra kien interessat jixtriha. Il-karozza kienet minghajr licenzja u batterija. Infatti kien irranga li jgib il-batterija mieghu, l-aqwa li tghaddi mill-VRT. Ghalkemm seta' jqabbad il-karozza, meta 'tistartja' kellha problemi fis-*suspension*. Kien lest li jiehu l-karozza u infatti hadha ghand il-mekkanik li kien sewwieha pero` wara jumejn kien hemm il-problemi bis-*suspension*. L-attur ma kienx qed jaccetta li jehodha lura. Ghalhekk kien hadha lura il-post fejn kien xtraha u halliha hemm. Kien ghamel spejjez ta' tlett mitt ewro (€300) fuq il-karrozza u ammetta li kienu ghaddew ix-xhur sakemm halla il-karozza fil-post.

Ghalhekk mill-provi jirrizulta illi:

1. Illi Carmel Fenech kien ta l-vettura Citreon KBF756 lill-ibnu Bernard Fenech. Il-vettura kienet registrata f'isem Bernard Fenech.

2. Kien sar ftehim ghall-bejgh tal-karozza bejn il-missier Carmel Fenech u Philip Petroni ghall-prezz ta' mitejn u tletin ewro (€230) fejn Philip Petroni obbliga ruhhu li jhallas din is-somma sat- 30 ta' Jannar, 2009. [2]

3. Ghalhekk il-konvenut dahal fi ftehim ta' xiri fis-7 ta' Jannar, 2009 fejn ha pussess tal-vettura.

4. Il-karozza baqghet fil-pussess tal-konvenut ghall-circa 9 xhur.

---

[2] Ara fol 3

5. L-atturi min-naha taghhom jghidu illi l-karozza bieghuha ghal dan il-prezz bil-licenzja li kienet taghlaq f'Jannar, 2009. Bernard Grech iddikjara illi l-karozza kienet soggetta ghat-test ta' VRT u kien ghalhekk li kien bieghha ghal dan il-prezz. Illi qatt ma thallsu anzi zdiedu l-ispejjez bejn citazzjoniijiet u hlasijiet lill-ADT meta fl-ahhar fuq ordni tal-Pulizija l-vettura kellha tigi 'ggaraxxjata' u l-pjanci ritornati.

6. Min-naha l-ohra l-konvenut qal li l-karozza kienet diffettuza u li kien xtraha bil-kundizzjoni li kellha tghaddi mill-VRT. Infatti minhabba li kellha difett fis-*suspension* ried jirritornaha.

Meta t-Tribunal ghandu quddiemu kunflitt ta' provi ghandu jara min huwa l-aktar kredibbli . Ara **Farrugia vs Farrugia**[3] fejn intqal li:-

*"l-konflitt fil-provi huma haga li l-Qrati jridu minn dejjem ikunu lesti ghaliha. Il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita' u specjalment dawk tal-konsistenza u verosomiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant".*

Illi t-Tribunal jhoss illi fic-cirkostanzi illi l-verzjoni tal-attur u missieru kienu l-aktar kredibbli specjalment in vista tad-dewmien taz-zmien, tac-citazzjonijiet f'postijiet varji li qala' l-konvenut u sahansitra li f'Mejju, 2009 il-konvenut kien gedded l-*insurance*. Illi kieku ma kienx kuntent bil-vettura kien jirritornaha minnufih u mhux wara disa' xhur. Illi *di piu* Bernard Grech issostanzja dak kollu li qal bid-dokumenti u evidenza li juru l-kronolgija t'avvenimenti ezatt kif iddiskrevihom.

Ghalhekk *arbitrio boni viri* t-Tribunal jaqta' billi jiddeciedi jilqa' t-talbiet tal-attur ghall-ammonti kif ridotti fin-nota datata 27 ta' Gunju, 2014 (fol 156)fl-ammont ta' erbgha mija u sebgha u tletin ewro u

3 (P.A. - 24 ta' Novembru, 1966) Ara ukoll **"George Bugeja vs Joseph Meilak"** (P.A.(TM) - 30 ta' Ottubru, 2003)

tlieta u sebghin centezmu (€437.73) u dan bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mid-data tas-Sentenza sal-pagament effettiv.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------